Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

2023/2178(DEC)

15.12.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2022(2023/2178(DEC))

Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Rapporteur: Michal Wiezik

WERREJ

Paġna

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 7

1. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2022
(2023/2178(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom)

[1] ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.

2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2023),

1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022 / Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza lid-Direttur tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

[5] ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

2. PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2022 (2023/2178(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impriżi konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2022, flimkien mar-risposti tal-impriżi konġunti[1],

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni[2] dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2022 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Frar 2024 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022 (00000/2024 – C9-0000/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[3], u b'mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom)

[1] ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.
[2] ĠU C, C/2023/112, 12.10.2023.
[3] ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[4] ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.

2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2023),

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-IImpriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2022 / Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2022;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

[5] ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1.

3. MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) għas-sena finanzjarja 2022 (2023/2178(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0000/2024),

A. billi l-Impriża Konġunta Ewropea għar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER) u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (l-"Impriża Konġunta") ġiet stabbilita f'April 2007 għal perjodu ta' 35 snin bid-Deċiżjoni 2007/198/Euratom[1] tas-27 ta' Marzu 2007;

B. billi l-membri tal-Impriża Konġunta huma l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), irrappreżentata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri tal-Euratom[2], u pajjiżi terzi li kkonkludew ftehim ta' kooperazzjoni mal-Euratom fil-qasam tal-fużjoni nukleari kkontrollata;

C. billi l-objettivi tal-Impriża Konġunta huma li tipprovdi l-kontribut tal-Unjoni għall-proġett internazzjonali ITER għall-enerġija mill-fużjoni, li timplimenta l-ftehim ta' approċċ usa' bejn il-Euratom u l-Ġappun, u li tipprepara għall-kostruzzjoni ta' impjant dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u faċilitajiet relatati[3];

D. billi l-proġett ITER jinvolvi seba' sħab globali – l-UE, irrappreżentata mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom), l-Istati Uniti, ir-Russja, il-Ġappun, iċ-Ċina, il-Korea t'Isfel u l-Indja, bl-UE minn ta' quddiem b'sehem ta' 45,4 % tal-ispejjeż tal-kostruzzjoni u l-bqija 9,1 % kull wieħed; li se tinbidel fil-fażi ta' ttestjar tal-fużjoni operattiva, fejn l-UE se tipprovdi 34 % tal-kostijiet operatorji[4];

E. billi l-istima attwali mill-Kummissjoni rigward il-baġit totali tal-Euratom meħtieġ għall-

[1] ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.
[2] Il-membri tal-Euratom huma l-Istati Membri tal-UE u l-Istati assoċjati li huma l-Iżvizzera u r-Renju Unit (sal-2020).
[3] Il-faċilitajiet prinċipali tal-fużjoni jinsabu f'Cadarache fi Franza, u l-Impriża Konġunta tinsab f'Barċellona.
[4] Id-dokumenti tal-ITER "Value estimates for ITER Phases of Construction, Operation, Deactivation and Decommissioning and Form of Party Contributions" (Stimi tal-valur għall-Fażijiet ta' Kostruzzjoni, Operazzjoni, Diżattivazzjoni u Dekummissjonar tal-ITER u Forma ta' Kontribuzzjonijiet tal-Partijiet) u "Cost Sharing for all Phases of the ITER Project" (Kondiviżjoni tal-Ispejjeż għall-Fażi kollha tal-Proġett ITER).

F4E biex tiġi ffinanzjata l-parti Ewropea tal-implimentazzjoni tal-proġett ITER u l-attivitajiet assoċjati sal-2035 tammonta għal EUR 15-il biljun (f'valuri attwali); billi l-Istat ospitanti tal-ITER (Franza) u l-Istati Membri tal-Euratom għandhom jikkontribwixxu EUR 3,2 biljun addizzjonali (f'valuri attwali)[5];

F. billli r-Renju Unit u l-Iżvizzera ma għadhomx assoċjati mal-attivitajiet tal-ITER tal-F4E u lanqas membri tal-F4E[6];

G. billi, biex tiżdied it-trasparenza, l-Impriża Konġunta għandha tiddivulga, fil-kontijiet annwali tagħha, informazzjoni rilevanti rigward il-kontribuzzjonijiet tal-membri fil-livell tal-programm; billi, għal kull programm li fil-qafas tiegħu jkunu joperaw, l-Impriża Konġunta għandha tippreżenta għal kull kategorija ta' membri sa tmiem is-sena, l-informazzjoni rilevanti kollha, inklużi l-miri tal-kontribuzzjonijiet legali li jiġu stabbiliti għall-programm rispettiv, il-volum ta' kontribuzzjonijiet li jiġu riċevuti, u l-volum ta' impenji legali;

Ġenerali

1. Jinnota li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022 (ir-"rapport tal-Qorti") isib li l-kontijiet annwali jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2020 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti tagħha għas-sena li kienet għadha kemm intemmet, f'konformità mar-regolament finanzjarju tagħha u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni; jinnota, barra minn hekk, li t-tranżazzjonijiet ta' bażi tal-kontijiet għas-sena finanzjarja 2022 huma, fl-aspetti materjali kollha, legali u regolari;

2. Jissottolinja li l-Qorti tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-kontijiet annwali tal-2022, l-F4E ddivulgat l-istima tagħha tal-ispiża totali għat-tlestija tal-obbligi ta' twassil tagħha għall-proġett ITER ("Stima fl-Ikkompletar"), li tilħaq valur ta' EUR 19,1-il biljun (valuri tal-2022), li jikkonsisti mill-pagamenti totali magħmula sal-aħħar tal-2022, li jammontaw għal EUR 9,2 biljun u l-istima tal-pagamenti futuri, li tilħaq valur ta' EUR 9,9 biljun (fil-valuri tal-2022);

3. Jinnota, madankollu, l-Istima fl-Ikkompletar 2022 għadha bbażata fuq is-suppożizzjonijiet tal-2016 dwar l-istadji importanti u l-ispejjeż u li dawn l-istimi se jkunu soġġetti għal reviżjoni sinifikanti, ladarba l-linja bażi u r-rekwiżiti l-ġodda tal-proġett ITER jiġu ffinalizzati, approvati mill-Kunsill ITER, u kkomunikati formalment lill-F4E;

4. Jirrikonoxxi li, matul l-2022, l-F4E esperjenzat effetti inflazzjonarji qawwija,

[5] L-istimi huwa bbażati fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2017) 319 u d-dokument ta' ħidma tal-persunal relatat SWD(2017) 232, it-Tabella 4.

[6] Ir-Renju Unit ħareġ mill-UE u mill-Euratom fil-31 ta' Jannar 2020. Fit-30 ta' Diċembru 2020 intlaħaq qbil dwar Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-UE (Euratom) u r-Renju Unit. Dan il-ftehim jistabbilixxi li r-Renju Unit se jipparteċipa fil-programmi tal-UE elenkati fil-Protokoll I u jikkontribwixxi għalihom, inkluż il-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom u l-attivitajiet tal-ITER tal-F4E. Madankollu, dment li l-partijiet ma jaqblux dwar il-Protokoll, ir-Renju Unit la huwa assoċjat mal-attivitajiet tal-ITER tal-F4E u lanqas mhuwa membru tal-F4E. Fir-rigward tal-Iżvizzera, il-ftehim ma ġiex estiż awtomatikament u għalhekk intemm fl-2020.

inizjalment minħabba kwistjonijiet marbuta mal-katina tal-provvista kkawżati mill-COVID-19 u mbagħad (wara Frar 2022) minħabba l-gwerra fl-Ukrajna; jinsab imħasseb li l-impatt stmat tagħhom fuq it-total tal-Istima fl-Ikkompletar tal-F4E jammonta għal EUR 144 miljun (valuri tal-2008) skont l-aħħar valutazzjoni; jinnota wkoll li din iż-żieda fl-Istima fl-Ikkompletar hija mistennija li timmaterjalizza bħala nefqa addizzjonali fis-snin 2023-2026; jinnota, barra minn hekk, li dan l-effett inflazzjonarju huwa ċar fil-prezzijiet tal-materja prima, kemm fil-kuntratti eżistenti kif ukoll fl-offerti riċevuti fl-2022, u x'aktarx li jkompli fil-futur skont is-sitwazzjoni internazzjonali li qed tiżviluppa;

5. Jinnota bi tħassib li r-Russja hija membru tal-ITER-IO, bl-obbligi li twassal diversi komponenti għall-proġett ITER lis-sit tal-assemblaġġ tal-ITER fi Franza (Cadarache) u li tipprovdi kontribuzzjonijiet annwali lill-ITER-IO; jisħaq li din is-sitwazzjoni tippreżenta riskju kbir ta' dewmien u spejjeż akbar għall-proġett ITER;

6. Huwa konxju li, f'Novembru 2022, il-31 Kunsill tal-ITER[7] qabel dwar aġġornament ta' linja bażi u fit-32 laqgħa tiegħu tal-21-22 ta' Ġunju 2023[8] huwa kkummissjona lid-Direttur Ġenerali tal-ITER biex jippreżenta proposta għal-linja bażi aġġornata tal-ITER għar-rieżami u l-approvazzjoni fl-2024;

7. Jinnota bi tħassib li r-riskju għall-ġestjoni tal-baġit ġie kkategorizzat bħala medju għall-F4E minħabba riskji ġodda ta' aktar dewmien u żidiet fl-ispejjeż għall-proġett ITER, relatati mal-linja bażi l-ġdida ppjanata, problemi ta' twassil minħabba s-sanzjonijiet fil-konfront tar-Russja, u dewmien tal-Awtorità Franċiża għas-Sikurezza Nukleari[9] fl-approvazzjoni ta' bidliet fid-disinji li jseħħu matul il-proċess ta' assemblaġġ;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

8. Jinnota li l-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 ġie implimentat bis-sħiħ f'impenji fi tmiem l-2020; jinnota, barra minn hekk, li l-pjan ta' pagament għall-impenji pendenti huwa allinjat mal-pjan ta' twettiq: EUR 232,2 miljun għall-2022 u EUR 150 miljun għall-2023 u l-pagamenti l-oħra li jifdal se jimmaterjalizzaw fis-snin ta' wara[10];

9. Jinnota li, għall-perjodu 2021-2027 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, il-Kunsill Ewropew qabel fuq baġit għall-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-ITER li jammonta għal valur totali ta' EUR 5 614-il miljun (fi prezzijiet attwali) li minnhom EUR 5 560 miljun (f'valuri attwali) huma ta' kontribuzzjoni diretta għall-proġett; jinnota, barra minn hekk, li l-kontribuzzjonijiet tal-Istat Ospitanti tal-ITER u tas-Sħubija se jiżdiedu ma' din iċ-ċifra, soġġetti għad-deċiżjoni finali mill-Awtoritajiet Baġitarji rilevanti;

10. Jinnota li l-Bord ta' Tmexxija (GB) tal-F4E oriġinarjament adotta l-baġit tal-F4E għall-2022 għal EUR 854,49 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 845,45 miljun

[7] https://www.iter.org/doc/www/content/com/Lists/list_items/Attachments/1061/2022_11_IC-31.pdf
[8] https://www.iter.org/doc/www/content/com/Lists/list_items/Attachments/1115/2023_06_IC-32.pdf
[9] L-Awtorità għas-Sikurezza Nukleari [ASN] ta' Franza għandha l-awtorità aħħarija u tinteraġixxi biss mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER (ITER-IO), u kwalunkwe bidla futura meħtieġa jista' jkollha impatt kbir fuq l-ispejjeż. F'Jannar 2022, l-ASN waqqfet kompletament l-assemblea tal-ITER sakemm l-ITER ikun jista' juri li jista' jżomm il-persunal sikur.
[10] Il-Kummissjoni, ITER performance (Il-prestazzjoni tal-ITER), 2023.

f'approprjazzjonijiet ta' pagament u li dan ġie mmodifikat f'żewġ emendi fil-laqgħat tal-GB ta' Lulju u ta' Diċembru 2022;

11. Jinnota li l-approprjazzjonijiet finali disponibbli, inkluż ir-riport mis-sena preċedenti kienu ta' EUR 981,18 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (EUR 1 069,9 fl-2021) u EUR 844,02 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR 764,8 fl-2021);

12. Jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit disponibbli finali tal-F4E kienet ta' 72 % f'impenji u ta' 91 % f'pagamenti (99,7 % u 97,4 % rispettivament fl-2021); jinnota li r-rati baxxi ta' implimentazzjoni rriżultaw mit-tnaqqis fir-ritmu tal-attivitajiet operazzjonali fil-livell kemm tal-ITER-IO kif ukoll tal-F4E, prinċipalment minħabba l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u problemi ta' tfassil tekniku reċenti li jikkonċernaw il-fażi attwali ta' assemblaġġ tal-proġett ITER;

13. Jinnota wkoll, li l-Impriża Konġunta naqqset il-baġit operattiv għall-pagamenti b'EUR 92 miljun permezz ta' baġit emendat u, b'żieda ma' dan, ittrasferiet EUR 9,5 miljun mill-baġit operattiv tagħha għall-pagamenti lejn il-baġit amministrattiv (salarji), biex tiffinanzja l-obbligi fil-konfront tal-Kummissjoni fil-qafas tal-fond tal-pensjonijiet tal-F4E;

14. Jissottolinja li l-Qorti qieset li hemm dgħufijiet fl-implimentazzjoni tal-baġit amministrattiv tal-F4E, minħabba l-fatt li dan il-baġit huwa stabbilit bħala approprjazzjonijiet mhux diżassoċjati; jinnota li, bħala riżultat, l-impenji amministrattivi bbażati fuq kuntratti u obbligi amministrattivi li għalihom il-pagamenti li ma jkunux saru fi tmiem is-sena jistgħu jiġu riportati għall-pagament għas-sena ta' wara;

15. Jinnota bi tħassib li, fl-aħħar tal-2022, għat-Titolu 2 - in-nefqa fuq l-Infrastruttura u Operattiva, ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 63 % meta wieħed iqis il-baġit il-ġdid għall-pagamenti amministrattivi għall-2022 biss, u ta' 69 % meta wieħed iqis ukoll il-baġit għall-pagamenti amministrattivi mhux użat tas-snin preċedenti riattivat fl-2022 għall-implimentazzjoni, u r-rata ta' kanċellazzjoni tal-impenn riportat mis-sena preċedenti kienet għolja b'medja ta' 20 %;

Persunal u reklutaġġ

16. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2022, il-pożizzjonijiet tal-persunal okkupati fl-F4E kienu jinkludu 46 Uffiċjal, 224 Aġent Temporanju u 164 Aġent Kuntrattwali; jinnota, barra minn hekk, li l-għadd ta' membri persunal interim (f'FTE) li l-F4E bbażat fuqu kien ta' 12,5 u l-għadd ta' Esperti Nazzjonali Sekondati kien ta' tlieta;

17. Jinnota, barra minn hekk, li fl-2022 total ta' 11-il persuna ġdida (sitt Aġenti Temporanji u erba' Aġenti Kuntrattwali u Espert Nazzjonali Sekondat wieħed) assumew il-karigi u li erba' membri tal-persunal (l-Aġenti Kuntrattwali kollha) saru Aġenti Temporanji abbażi tal-proċeduri tal-għażla;

18. Jissottolinja li l-Qorti qieset li s-sitwazzjoni tal-maniġment superjuri tal-F4E baqgħet instabbli u fi stat sinifikanti ta' tranżizzjoni fl-aħħar tal-2022 bit-tluq tad-direttur f'Ġunju 2022, u l-ħatra tal-kap tad-Dipartiment tal-Approċċ Usa' bħala Direttur Ġenerali tal-ITER-IO f'Settembru 2022, li tirriżulta f'bidliet fil-persunal għal erbgħa

mis-seba' pożizzjonijiet maniġerjali superjuri tal-Impriża Konġunta;

19. Itenni t-tħassib tal-Qorti li s-sitwazzjoni tippreżenta riskju għall-ġestjoni tajba u l-kontinwità tal-F4E, fi żmien meta l-persunal tal-maniġment superjuri esperjenzat se jkun meħtieġ jimplimenta l-linji bażi l-ġodda tal-ITER, element li se jkollu impatt sinifikanti fuq l-attivitajiet tal-F4E;

20. Ħa nota bi tħassib tal-ittra[11] indirizzata mit-trade unions fil-bidu tal-2022 lill-Kummissjoni li tiddeskrivi kwistjonijiet ta' ġestjoni u ta' riżorsi umani u li twissi lill-Kummissjoni dwar ir-riskji tas-sitwazzjoni għall-funzjonament xieraq tal-Impriża Konġunta, il-benesseri tal-persunal tagħha u r-reputazzjoni tal-UE fil-proġett ITER;

Prevenzjoni tal-frodi u tal-kunflitti ta' interess

21. Jinnota, mir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-2022, li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-Pjan ta' Azzjoni kontra l-Frodi ġiet segwita b'mod sistematiku bl-użu ta' bażi ta' data ddedikata (RAPID) li tiddokumenta ulterjorment il-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet kontra l-frodi fl-2022;

22. Jinnota, b'sodisfazzjon, li matul is-sena, l-Uffiċjal kontra l-Frodi u l-Etika pprovda informazzjoni u appoġġ dwar kwistjonijiet ta' prevenzjoni tal-frodi lill-persunal involut fl-akkwist, fil-ġestjoni tal-kuntratti, fil-finanzi u fil-ġestjoni tar-riżorsi umani u li ġew organizzati avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni kontra l-frodi għall-persunal u għall-maniġment tal-F4E, inklużi sessjonijiet ta' taħriġ għal dawk ġodda; jinnota li l-istatus ta' implimentazzjoni ġie rrappurtat fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Awditjar, u, barra minn hekk, in-network intern tal-F4E ta' korrispondenti tal-frodi nżamm infurmat fuq bażi individwali u fil-kuntest tal-laqgħat regolari tan-Network tal-Aċċertament;

23. Jinnota b'apprezzament li r-regoli, il-proċeduri, il-proċessi u l-aħjar prattiki relatati mal-Etika u l-Prevenzjoni u l-Ġestjoni tal-Kunflitti ta' Interess ġew ikkomunikati lill-persunal, b'mod partikolari permezz tal-Manwal tal-F4E fuq l-intranet tal-F4E;

24. Jilqa' l-fatt li, mill-2022 'il quddiem, il-persunal kollu tal-F4E kien obbligat joħroġ Dikjarazzjoni ta' Interess Ġenerali kull sena; jinnota li l-ħruġ u l-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet issa huma ġestiti permezz ta' Reġistru Diġitali tal-Kunflitti ta' Interess tal-F4E li għadu kif inħoloq, li jtejjeb is-segwitu u t-traċċabbiltà, u b'hekk il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fl-F4E;

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

25. Jinnota bi tħassib li l-Qorti tqis li l-ġestjoni tal-kuntratti tal-F4E għandha dgħufijiet li affettwaw serjament l-ilħuq tal-objettivi tal-kuntratt u – jekk ma jiġux indirizzati – jistgħu jaffettwaw ukoll attivitajiet operattivi oħra tal-F4E, meta jitqiesu l-emendi sinifikanti għal kuntratti kumplessi li għaddejjin li jistgħu jkunu meħtieġa, li jirriżultaw mil-linja bażi aġġornata tal-proġett ITER;

26. Jinnota, b'mod partikolari, il-kuntratt iffirmat fl-2013 li jammonta għal EUR 500 miljun għat-tfassil, it-tagħmir u l-installazzjoni tal-bini nukleari u dak mhux nukleari tal-ITER;

[11] https://u4unity.eu/link/Topic_91_F4E.pdf

jinnota li f'Diċembru 2020, l-F4E u l-ITER-IO, b'rispons għat-tħassib u n-nuqqas ta' sodisfazzjon bil-progress u l-effiċjenza tal-kuntrattur relatati max-xogħol li għad kien pendenti fuq il-bini mhux nukleari, bl-għajnuna ta' esperti esterni vvalutaw il-konsegwenzi potenzjali ta' strateġiji tal-akkwist alternattivi bħal proċedura għall-offerti mill-ġdid tas-servizzi tat-tagħmir jew it-trasferiment tax-xogħol li kien jifdal lil kuntratturi oħra; jinnota wkoll li fi Frar 2021, il-kuntrattur ippreżenta dikjarazzjoni ta' spiża li ammontat b'kollox għal EUR 150 miljun għas-servizzi ta' tfassil u tagħmir nukleari, li kienet segwita f'Settembru 2021 minn talba oħra dwar l-ispejjeż f'ammont ta' EUR 30 miljun għax-xogħol li kien jifdal fuq il-bini mhux nukleari; jissottolinja li abbażi tal-analiżi tar-riskju u l-feedback ta' esperti legali, id-Direttur tal-Impriża Konġunta salda biss mal-kuntrattur l-ewwel talba dwar l-ispejjeż għal ammont ta' EUR 75 miljun, u l-kuntrattur fetaħ tilwima għat-tieni dikjarazzjoni ta' spiża mhux saldata;

27. Jirrimarka li, skont il-Qorti, l-analiżi tad-dokumentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kuntratt żvelat dgħufijiet fil-ġestjoni tal-Impriża Konġunta ta' dan il-kuntratt, b'mod partikolari, il-Qorti ssottolinjat l-inkapaċità tal-Impriża Konġunta li tinnotifika nuqqas ta' konformità materjali fl-ipprogrammar tal-kuntrattur, li jwasslu għal interpretazzjonijiet differenti u għal nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar l-ambitu tax-xogħol, l-iskedi ta' żmien u r-rekwiżiti tal-proġett; jinnota, barra minn hekk, li l-esperti legali kkonkludew li minħabba l-mod kif il-klawżoli rilevanti kienu formulati, l-Impriża Konġunta ma setgħetx ittemm il-kuntratt bil-ħsieb li tesegwixxi hija stess ix-xogħol li kien tneħħa mill-ambitu jew tirranġa biex dan jiġi esegwit minn kuntratturi oħra; jesprimi dispjaċir għall-fatt li minħabba n-nuqqas ta' rekords tal-proġetti mill-F4E, l-Impriża Konġunta ma setgħetx tistabbilixxi b'mod ċar l-obbligazzjonijiet tal-kuntrattur;

28. Josserva li, ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-2022, jiddikjara li l-F4E qed tkompli timplimenta sistema ta' kontroll intern rikonoxxuta, matura u li tiffunzjona tajjeb; jinnota, madankollu, li l-F4E tirrikonoxxi li l-bidliet fl-ogħla maniġment (Direttur u Maniġers Superjuri) li qed iseħħu minn nofs l-2022 għandhom impatt dirett fuq l-implimentazzjoni ta' xi wħud mill-azzjonijiet kif ukoll fuq il-kultura organizzazzjonali tal-F4E, u li l-viżibbiltà tal-implimentazzjoni sħiħa tal-inizjattivi tista' tieħu xi żmien;

29. Jirrikonoxxi li, fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prudenza, żewġ nuqqasijiet fir-rigward tal-Forniturі Esterni tas-Servizzi (Riżorsi Umani, Kompetenza u Kontinwità) u l-Ammont ta' Xogħol u l-Benesseri tal-persunal ġew ikklassifikati bħala maġġuri mill-Impriża Konġunta;

30. Jinnota, barra minn hekk, li l-Maniġment Superjuri tal-F4E qed jimmonitorja fuq bażi kontinwa l-azzjonijiet imnedija f'dawk l-oqsma identifikati bħala li għandhom nuqqasijiet kbar u jqis li l-F4E mmitigat b'mod sinifikanti r-riskji relatati u fformulat pjanijiet ta' azzjoni konkreti biex tindirizza t-tħassib pendenti, u b'hekk tiġġustifika t-tneħħija tar-riżerva tal-2021 fl-2022;

Segwitu għall-osservazzjonijiet mis-snin preċedenti

31. Jinnota li l-"osservazzjonijiet" fir-rapporti annwali speċifiċi tal-Impriżi Konġunti huma fil-fatt "rakkomandazzjonijiet mhux f'waqthom" mill-Qorti; jinnota li l-QEA ssegwi

kull sena dawk l-osservazzjonijiet billi tivvaluta l-istatus tagħhom bħala “miftuħa” jew “magħluqa”;

32. Jinnota li mill-ħames (5) osservazzjonijiet maħruġa mill-Qorti fil-2019 (2) u fl-2021 (3), tnejn (2) biss huma magħluqa;

33. Jinnota li l-osservazzjoni miftuħa għall-2019 (1) hija dwar l-użu eċċessiv ta’ riżorsi kuntrattati jew internalizzati (madwar 62 % fl-2019), li jippreżenta riskji sinifikanti għall-Impriża Konġunta, dwar iż-żamma ta’ kompetenzi ewlenin, l-obbligu ta’ rendikont mhux ċar, tilwim ġudizzjarju possibbli, u effiċjenza aktar baxxa tal-persunal minħabba ġestjoni deċentralizzata;

34. Jonnita li, fl-2022, l-Impriża Konġunta ħolqot grupp ta’ ħidma biex jivvaluta l-livell għoli ta’ użu ta’ riżorsi esterni bl-objettiv li tippjana u tiġġustifika aħjar il-ħtieġa tagħhom;

35. Jinnota li, għall-2021, l-osservazzjonijiet miftuħa jirreferu (i) għan-nuqqas ta’ evidenza ta’ effiċjenza u ta’ impatt pożittiv fuq is-sistema tal-valutazzjonijiet annwali regolari minn esperti esterni u awditi interni intensivi li jkopru l-biċċa l-kbira tal-oqsma kritiċi tal-Impriża Konġunta mill-attivitajiet tagħha; li rriżulta f’żieda fil-piż amministrattiv u (ii) id-deterjorament tal-ambjent tax-xogħol fl-Impriża Konġunta[12] u l-użu sproporzjonat tar-riżorsi tal-persunal estern, sfidi u riskji akbar għall-ambjent tax-xogħol;

36. Jinnota li, fl-2022, wara żewġ rakkomandazzjonijiet mill-għaxar rapport ta’ valutazzjoni annwali[13] dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani, il-Bord ta’ Tmexxija tal-Impriża Konġunta approva pjan ta’ azzjoni għall-implimentazzjoni tagħhom.

[12] Ir-raġunijiet ewlenin huma n-nuqqasijiet fil-livell tal-maniġment superjuri - eż., it-teħid ta’ deċiżjonijiet mhux trasparenti u mhux funzjonali u n-nuqqas ta’ djalogu soċjali.
[13] Il-56 laqgħa tal-GB bejn is-7 u t-8 ta’ Lulju 2022 f’Barċellona.